**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 531/97

Lawrence Mamo

vs

Public Broadcasting Services Limited u Maltacom p.l.c. li giet kjamata fir-rikors b' digriet tal-14 ta' Marzu 2000

Illum 28 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni li kien haqqu minghajr raguni valida.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent dahal jahdem ma’ Television Malta fl-1984 bhala Telecom Technician II u fl-1987 sar CCU (Camera Control Unit). Ir-rikorrent hadem hafna fil-qasam tieghu u dejjem gie assenjat xoghol ta’ reqqa u teknikalita`.

Fl-1988 sar promotion exercise u r-rikorrent applika ghall-grad ta’ TTIII. Shab ir-rikorrent gew promossi ghall-grad ta’ Technical Officer I u r-rikorrent ma giex promoss ghall ebda raguni valida.

Ir-rikorrent illum jokkupa l-kariga ta’ Video Editor meta suppost, sa mill-1988 kellu jilhaq sal-grad ta’ Senior Video Editor. Dan l-atteggjament tal-management mar-rikorrent wassal biex ir-rikorrent anke jsofri minn depression ghalkemm xorta wahda baqa’ jaghti sehmu fuq il-post tax-xoghol kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kaz.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent jinghata promozzjoni ghall-grad ta’ Senior Video Editor u l-arretrati li tilef sa mill-1988 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma

jistax jinghata jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew kif jiddeciedi li hu xieraq dan it-Tribunal skond il-ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Public Boradcasting Services Ltd. li eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjeta' intimata.

2. Illi r-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu ghas-sena 1988 f'liema sena qed jghid li sofra ingustizzja. F'dak iz-zmien is-socjeta' intimata lanqas biss ma kienet tezisti, kwalunkwe decizjoni dwar promozzjonijiet kienu jittiehdu mill-Korporazzjoni Telemalta u ghaldaqstant is-socjeta' intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi bhala fatti r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta fis-sena 1984 fil-kariga ta' TTI (Telecom Technician I) u mhux bhala TT2 (Telecom Technician II), u fl-1 ta' Ottubru 1986 huwa gie promoss ghall-grad ta' CCU (ekwivalenti ghall-TT2).

4. Illi fl-1988 kien sar ezercizzju ta' promozzjonijiet mill-Korporazzjoni Telemalta. F'dak il-perijodu decizijonijiet dwar promozzjoni kienu jittiehdu mill-Bord tal-Korporazzjoni Telemalta u definitivament

mhux mis-socjeta' konvenuta li ma kienet tezisti u allura wisq anqas setghet taghti promozzjonijiet.

5. Fl-1988 il-grad ta' Senior Video Editor ma kienx jezisti u dana gie fis-sehh fl-1993 meta giet iffurmata u bdiet tiffunzjona s-socjeta' intimata. Ir-rikorrent kien gie assimilat mas-socjeta' intimata fil-grad ta' Video Editor li hu l-ekwivalenti ta' CCU bhal shabu l-ohra li kellhom l-istess grad.

6. Inoltre s-socjeta` intimata qatt ma harget "call for applications" ghall-Senior Video Editor sa issa;

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-Maltacom p.l.c. li eccepiet:

1. Illi l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-Maltacom p.l.c. hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997.

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-Maltacom p.l.c. mhijiex legittima kontridittura f'din il-procedura. Ir-rikorrent kien jahdem mad-divizjoni ta' Xandir Malta tal-Korporazzjoni Telemalta, liema divizjoni kienet amministrata u tiffunzjona separatament mill-korporazzjoni u ghaddiet ghal kollox ghand il-Public Broadcasting Services. Il-Public Broadcasting Services

Limited, oltre li akkwistat l-assi kollha li kienu ta' Xandir Malta, akkwistat u assumiet fuqha wkoll id-drittijiet, l-obbligi u pretensjonijiet (inkluzi drittijiet litiguzi) u ftehim kollha li kienu jikkoncernaw id-divizjoni ta' Xandir Malta.

3. Illi fil-meritu l-Maltacom p.l.c. cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent fit-termini tal-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

4. Illi r-rikorrent kien applika ghall-grad ta' Telecom Technician III wara sejha ghall-applikazzjonijiet li harget fit-23 ta' Gunju 1989. Huwa ma nghatax il-promozzjoni wara li gab biss 21 marka minn massimu ta' 100 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 3 marki minn 30 ghas-snin ta' servizz; 2 marki minn 20 marka ta' l-esperjenza; 6 marki minn 15-il marka tal-kwalifiki; 2 marki minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 5 marki minn 10 marki ghal taghrif generali u 3 minn 5 marki ghal personalita`.

5. Ghaldaqstant is-socjeta` intimata li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent fil-konfront taghha.

Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija. Zied li kien hemm persuna bl-isem ta' Nenu li kunjomu ma jiftakrux u li dan kien sempliciment handyman mat-technicians u lahaq TT3. Sostna li hu kien ferm aktar kwalifikat minnu. Zied li l-ingustizzja kompliet tikber meta nholqot il-PBS Ltd u min kien fi grad ta' TT3 gie assimilat fi skala C. Min ma kienx TT3 gie assimilat fi skali anqas. Hu gie assimilat fi skala E. Sostna li dejjem hadem b'abbilita' u hafna drabi ghamel xoghol ta' gradi ferm oghla minn tieghu.

Joe Galea Executive Production mal-P.B.S. u li ilu f'dan il-grad ghal erba' snin xehed li r-rikorrent ilu jahdem mieghu mindu kien student. Ilu madwar hmistax-il sena. Lawrence Mamo mess, prattikament, il-branki kollha tal-produzzjoni, hadem bhala Audioman, bhala CCU, video editor, video controller u hadem ukoll bhala Direttur.

Bhalissa l-grad ta' Lawrence Mamo huwa ta' Studio Operator. Studio Operator huwa responsabbli ghall-editing tal-produzzjoni kif ukoll ghad-dawl tal-camera, livelli tad-dawl tal-camera, jarma l-istudio biex ikun lest bil-monitors. Lawrence Mamo dejjem wera inizjattiva fuq ix-xoghol u jhobb jahdem hafna. F'dan il-perjodu bejn l-1987 u l-1995, Lawrence Mamo ghamel xoghol oghla mill-grad tieghu.

<u>Lizio Farrugia</u> Studio Operator bhal Lawrence Mamo u ilu jahdem mar-rikorrent ghal madwar tmintax il-sena fahhru bhala wiehed mill-ahjar kollegi tieghu. Semma li Peppi Degiovanni, li anqas biss jaghmel ix-xoghol ta' Lawrence Mamo, kien ha l-promozzjoni ta' T.T.III. Minkejja li dan Peppi Degiovanni gie promoss ghall-T.T.III., dan baqa' jaghmel xoghol ta' Labourer, bhal ma kien jaghmel qabel u ghadu hekk sal-lum. Xoghol ta' Labourer, jaghmel xoghol ta' maintenance bhal zebgha etc. Minkejja li jaghmel xoghol ta' Labourer mhux xoghol tekniku, jigi oghla minna fil-grad, inkluz oghla mill-grad ta' Lawrence Mamo. Lawrence Mamo meta kien impjegat mat-Telemalta kien dejjem fil-qasam tax-Xandir.

<u>Andrew Psaila</u> xehed li jaf lir-rikorrent mill-1981 mindu dahal mal-PBS. Jafu jahdem fl-operational side. Jiftakru dejjem jaghmel xoghol ta' video operator u dan ix-xoghol ghandu x'jaqsam ma video editing, ghandu x'jaqsam mal-istudios, li jikkontrolla l-cameras kif ukoll ta' editing ta' programmi. Jiftakru jaghmel xoghol ta' livell gholi anki ha hsieb li jaghmel ukoll xoghol rigward 'plays' li normalment huwa xoghol ta' livell gholi.

Il-PBS ma kinitx tezisti fl-1988 u hu kien impjegat tat-Telemalta. Id-decizjonijiet fl-1988 kienu jigu mit-Telemalta. Fl-1988 ma kienx hemm bord tad-Diretturi ta' Xandir Malta kien hemm biss Head of Xandir. Il-head tax-xandir kien jirraporta lil Bord tat-Telemalta. Il-haddiema kienu mat-Telemalta kienu mitlubin jaghzlu jekk iridux immorru mal-PBS u hafna minnhom accettaw. Illum il-PBS qed taghmel bazikament l-istess xoghol li kienet taghmel Xandir Malta. L-impjegati li nqalbu minn ma' Xandir Malta ghal mal-PBS kienet taqliba libera u l-impjegati setghu jaghzlu jekk imorrux mal-PBS jew le. Meta l-impjegati minn ma' Xandir Malta gew mal-PBS ghall-fini ta' similazzjoni l-gradi u seniority baqghu l-istess u anki bhala servizz.

Godfrey Smith xehed li lir-rikorrent jafu bhala kollega fuq il-post tax-xoghol. Semma li Peppi De Giovanni li kien bajjad u ghadu jaghmel xoghol ta' bajjad sal-lum u ha l-promozzjoni ghall-grad ta' TT3 u Lawrence Mamo ma hadhiex.

Edwin Cassar News Producer Director xehed li kien jghallem lir-rikorrent. Semma li kien hemm min ma kienx tekniku u ha l-promozzjoni waqt li r-rikorrent ma hadhiex u semma lil Nenu Cassar u lil Peppi De Giovanni kif ukoll lil Leonard Aquilina u Karmenu Gauci. Fuq il-post tax-xoghol lir-rikorrent jafu jaghmel xoghlu sew.

David Buttigieg rapprezentant tal-Maltacom esebixxa r-rapport tal-bord tal-ghazla ghall-grad ta' TT3, li fih il-kriterji kif ukoll ir-rizultati kollha, datat 19 ta' April 1990. Zied li kien hemm 9 minn nies li hadu l-promozzjoni bi grad daqs jew anqas mir-rikorrent. Dawn kienu Joe Debattista fil-grad ta' audioman, Joe Cutajar fi grad ta' carpenter, John Attard fi grad ta' Technician 2, Frans Bezzina fi grad ta' Technician 2, Carmel Marmara fi grad ta' Technician 2, Anthony Vella fil-grad ta' Technician 2, Saviour Sapiano fi grad ta' leading wireman, P. Farrugia fi grad ta' Technician 2 u Joe Degiovanni fi grad ta' Technician 2. Kien hemm min kien inqas kwalifikat mir-rikorrent u xorta ha l-promotion. Kull ma kellu kwalifiki kien Anthony Vella li gab 3 marki il-bqija skond ir-rapport tal-bord ta' l-ghazla l-ohrajn ma kellhomx kwalifiki. Ikkonferma li De Giovanni veru sar TT3 mill-grad ta' TT2 u ma kellux kwalifiki. Fir-rigward kienx bajjad jew le ma kienx f'pozizzjoni li jghid.

Toni Abela rapprezentant tal-Public Broadcasting Services xehed li Joe DeGiovanni dejjem kien jaghmel xoghol manwali bazikament xoghol ta' handyman kien ibajjad, jibni, jiftah it-toilets u x-xoghol manwali li jkun hemm bzonn fil-grad ta' TT2.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza Maltacom p.l.c. hija li l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-Maltacom p.l.c. hija perenta ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap. 394. Dan l-Artikolu jsemmi li m' ghandux jigi accettat ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara

li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh tal-Att. Jirrizulta li l-Maltacom p.l.c. giet notifikata fit-22 ta' Marzu 2000 wara li r-rikorrent kien talab il-kjamata fil-kawza tal-istess socjeta` fl-14 ta' Marzu 2000 f' liema data t-Tribunal kien laqa' t-talba. Id-data li ghaliha japplika l-Artikolu 9 hija l-1 ta' Dicembru 1997 u ghalhekk fil-konfront tal-Maltacom kienu ghaddew is-sitt xhur imsemmija.

Fil-kawza fl-ismijiet "Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et" deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tax-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Tagha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur jidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-

konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997.

Illi jirrizulta li:

1. Ir-rikors gie presentat fil-31 ta' Lulju,1997;

2. Fit-8 ta' Gunju, 1999 ir-rikorrenti talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Kalxlokk Company Limited liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data;

3. Is-socjeta' intimata giet notifikata fis-16 ta' Gunju, 1999 u fil-5 ta' Lulju 1999 giet intavolata r-risposta fejn giet issollevata l-eccezzjoni in ezami.

L-Artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:

"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista'

jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997.

Issa kien fit-8 ta' Gunju, 1999 li r-rikorrenti talab il-kjamata fil-kawza liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data, u cioe' ferm wara it-2 ta' Dicembru, 1997. Li kieku is-socjeta' kjamata in kawza ma issollevatx din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tal-attrici, izda f'dan il-kaz, is-socjeta' kjamata fil-kawza issollevat din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess socjeta giet kjamata tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra s-socjeta' kjamata fil-kawza fit-8 ta' Gunju, 1999 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija socjeta' ir-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati…

Jinghad pero` li l-eccezzjoni hija valida biss fil-konfront tas-socjeta' kjamata fil-kawza, u mhux fil-kaz ta' l-intimat l-iehor. Ara wkoll s-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet "Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et" tat-22 ta' Gunju 2000 li kien kaz identiku. Ukoll it-Tribunal fil-kawza "Paul Formosa vs Kap

Kmandant tal-Forzi Armati" deciza fit-2 ta' Marzu, 2000, iddecida li korrezzjoni li taffetwa s-sustanza ma tistax ssir wara li jghaddi t-terminu imsemmi jekk ikun hemm opposizzjoni."

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` kjamata fil-kawza u jilliberaha.

Izda l-kawza hija diretta wkoll kontra l-Public Broadcasting Services Limited. Dan ifisser li fil-konfront ta' din is-socjeta` t-Tribunal irid jara jekk hix responsabbli ghal dak li gara fl-1988 minhabba li fiz-zmien imsemmi r-rikorrent kien impjegat mal-Korporazzjoni Telemalta. Infatti l-PBS sostniet li ma kenitx responsabbli hi ghax anqas biss ma kienet tezisti. Izda hawnhekk la l-PBS wirtet il-krediti u l-assi tas-sezzjoni awtomatikament wirtet ukoll ir-responsabbiltajiet u d-debiti. Dan ifisser li t-Tribunal irid jezamina dak li kienet ghamlet il-Korporazzjoni Telemalta dwar ir-rikorrent u jekk l-ilment tar-rikorrent huwa gustifikat ir-responsabbilta` taqa' fuq il-PBS.

Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Mallia vs Maltacom p.l.c. deciza fis-6 ta' Novembru 2001 li ghaliha qed issir referenza t-Tribunal irreveda l-kriterji dwar promozzjonijiet. Il-linja ma' dak li gie deciz fl-imsemmija sentenza il-marki moghtija lir-rikorrent ghal TTIII jridu jigu riveduti kif ser jinghad:

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30%; it-Tribunal ghalhekk jirrevedi l-marka ghal 5 peress li dahal fl-1984;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 2; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; it-Tribunal ihoss li bl-istess kriterju r-rikorrent kellu jinghata 5 marki u mhux 2; bl-allokazzjoni l-gdid tat-Tribunal din issir 4;

Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 6; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 10;

Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 2; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka tibqa' 2;

Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marki ta' 5;

Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka tibqa' 3.

Dan igib it-total ta' marki ghal 29. Dan ifisser li r-rikorrent xorta wahda ma kienx jigi moghti l-promozzjoni u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-PBS taht dan l-aspett.

Izda rrizulta waqt il-kors tal-kawza li r-rikorrent spiss ghamel xoghol superjuri ghall-grad tieghu. Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs

Direttur Generali tal-Qorti deciz a fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero' irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

It-Tribunal ghalhekk ihoss li fil-kaz in kwistjoni r-rikorrent kellu jinghata dan il-kumpens li qieghed jigi likwidat fl-ammont ta' elfejn lira (Lm2000). Ghalhekk it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens f' ammont ta' elfejn lira (Lm2000) lir-rikorrent.

Spejjez kontra s-socjeta` Public Broadcasting Services Limited hlief ghal dawk relattivi ghall-kjamata fil-kawza fejn hemmhekk jibqghu bla taxxa.